SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 3009

Illum Il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2909 li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2009 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Reserved parking fi Pjazza Dorell*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li r-*reserved parking* fi Pjazza Dorell jidher li qed jintuża b'mod regolari, għaldaqstant il-każ huwa magħluq.

### 1.1.2 *Urban Improvement Fund*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 3.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa dwar il-flus dovuti mill-*Urban Improvement Fund*. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet kitbet lil Mepa dwar dan.

### 1.1.3 *Manutenzjoni tal-Jogging Track*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 10.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa dwar il-manutenzjoni li kellha ssir fil-*Jogging Track*. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill huwa nfurmat li x-xogħol kien ser jibda l-għada, il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2009.

**1.1.4** Is-Sindku rrefera għal minuta 10.4 tal-laqgħa preċedenti u qal li fi Triq iż-Żinja għandhom jitwaħħlu tlett *bollards* fin-nofs tat-triq.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-22 ta' Ġunju u t-30 ta' Lulju 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 937/09/O – Awtorita' tad-Djar – Problema ta' Għaragħar fi Triq il-Ġnien
- 958/09/O – Mepa – *Urban Improvement Fund*
- 965/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Bye Laws* Ġnien is-Serenita'
- 992/09/O – *China Cultural Centre* – Films Ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'
- 996/09/O – *Malta China Friendship Society* – Attivita' fi Ġnien is-Serenita'

- 1000/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ġemellaġġ ma' Lumpiaque
- 1001/09/O – ADT - *Rubber Humps* fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Begonja

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 910/09/I – *Asia-Pacific CEO Association - Summit*
- 914/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Programm *Urbact* taħt l-ERDF
- 923/09/I – Ministeru għall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni – *Public Transport Reform*
- 933/09/I – Fondazzjoni Oasi – Iż-Żgħażugħ tas-Sena 2009
- 935/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 42/2009 Skema dwar inizjattivi t' Attivitajiet 2010
- 939/09/I – *Malta Council for Culture and the Arts – Cultural Calendar*
- 961/09/I – ETC – *European Social Fund*
- 962/09/I – Appoġġ - Ittra t' apprezzament
- 964/09/I – ADT – *Parking Lines*
- 982/09/I – Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja – Korsijiet fil-Litteriżmu Bażiku
- 999/09/I – L-Uffiċċju tal-President - Kunċert tal-Milied
- 1004/09/I – MEUSAC - L-Ewropa fil-Pjazza
- 1008/09/I – Anzjan tas-Sena 2009

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- **Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' – Ktejjeb: "Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs Persuni b'Diżabilita'** ".
- **Memo SLLC 13/2009**
- **Memo SLLC 14/2009**
- **Memo SLLC 15/2009**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 914/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-programm URBACT taħt l-ERDF.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 923/09/I is-Sindku qal li kienet ġiet riveduta r-rotta tal-*Public Transport Reform*. Kopja tal-pjanta bir-rotot riveduti għandha tingħata lil Kunsillieri.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 933/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill bil-premju ta' rikonoxximent nazzjonali "Iż-Żgħażugħ tas-Sena". Huwa qal li l-applikazzjonijiet jagħlqu fit-12 t' Awwissu 2009.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 935/09/I is-Sindku rrefera għal *Memo* 42/2009 dwar attivitajiet għas-sena 2010. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed japplika għal fondi biex fis-sena 2010 itella' attivita' mużikali.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 961/09/I il-Kunsill qabel li joffri l-*annex* tal-Kunsill biex fihom isiru *training programmes* għan-nisa bil-koperazzjoni ta' l-ETC.

***3.6*** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 962/09/I inqrat ittra t'apprezzament mill-Aġenzija Appoġġ għal koperazzjoni li ta l-Kunsill fl-inizjattiva ta' l-*Enchanted Tales.*

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 964/09/I il-Kunsill iddiskuta t-tweġiba ta' l-ADT għal proposta tal-Kunsill biex fl-entraturi tal-lokalita' jsiru tabelli biex is-sewwieqa tal-vetturi jipparkjaw fil-*parking bays*. Il-Kunsill kien sorpriż bit-tweġiba negattiva ta' l-ADT u għandha tintbagħt ittra f'dan ir-rigward.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 982/09/I għandhom jinħarġu avviżi biex ir-residenti jiġu nfurmati dwar korsijiet ta' tgħalim fil-litteriżmu bażiku li qed joffri l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 999/09/I il-Kunsill qabel li jistieden lil Mons. Arċisqof Pawlu Cremona għal Kunċert tal-Milied.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1004/09/I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tal-MEUSAC biex jorganizzaw attivita' f'Santa Luċija fl-1 ta' Settembru bl-isem ta' 'L-Ewropa fil-Pjazza'.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1008/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-Premju Anzjan tas-Sena 2009. Il-Viċi Sindku talab kopja tal-korrispondenza ħalli jara jekk persuna li ssemmiet waqt il-laqgħa għandiex il-kwalifiki biex tikkonkorri.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Problema ta' Għargħar fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku qal li kienet intbagħtet it-tweġiba tal-Kunsill lil Perit ta' l-Awtorita' tad-Djar dwar il-proposti li ressaq fir-rigward tal-problemi ta' għargħar li hemm fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li l-Kunsill irċieva kopja t'ittra (ref: 966/09/I) li l-Perit ta' l-Awtorita' tad-Djar bagħat liċ-*Chairman, Network Infrastructure Directorate* fejn talbu li jsiru xogħolijiet sostanzjali fl-infrastruttura ta' l-inħawi biex l-ilmijiet li jinġabru bejn blokk I u II fi Triq il-Ġnien ikunu jistgħu jiskulaw iżjed malajr.

Is-Sindku qal ukoll li fil-Jogging Track jista' jagħti l-każ li kien hemm xi ġibja mgħottija. Huwa qal li kien kellem il-perit tal-Kunsill dwar il-possibilita' li jsir *sounding* ta' l-area.

### 4.2 *Films Ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ċ-*China Cultural Centre* talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill biex jintwerew tlett films Ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li dawn għandhom jintwerew fid-19,20 u 21 t' Awwissu fit-8.30p.m. Għal din l-attivita' l-Kunsill ser jipprovdi l-apparat u s-siġġijiet.

Is-Sindku qal ukoll li l-organizzaturi tal-*Malta China Friendship Society* talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill biex itellgħu attivita' fit-28 ta' Awissu għal membru ta' din l-għaqda. Huwa qal li matul din l-attivita' ser jintwera film bl' isem ta' *Nanking*. Għal din l-attivita' l-Kunsill ser jipprovdi l-apparat u s-*security*.

### 4.3 *Road Signs fi Triq in-Narċis*

Saret referenza għall-ittra li ntbagħtet minn residenta fi Triq in-Narċis li talbet li jsiru sinjali tat-traffiku, f'kull tarf tat-triq, li jitolbu s-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita' peress li jkun hemm it-tfal jilgħabu.

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u fil-kummenti tiegħu stqarr li kull triq li minnha jgħaddi t-traffiku hija ta' periklu għat-tfal li jkunu qed jilgħabu. Il-Kunsill irrimarka li fil-lokalita' hawn diversi faċilitajiet fejn it-tfal jistgħu jilgħabu bla periklu ta' xejn u saret referenza għal *Playing Field*, il-*Picnic Area*, il-*Jogging Track* u l-*Bicycle Track*. Madankollu l-Kunsill ħass il-bżonn li tiġi riveduta s-sistema tat-traffiku f'Santa Luċija bl-introduzzjoni ta' *one-way system* f'diversi toroq. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti din il-possibilita' ma espert tat-traffiku.

### 4.4 *Problema tan-Nugrufun f'Santa Luċija*

Il-Kunsill iddiskuta l-problema tan-nugrufun li qed tolqot ukoll lir-residenti ta' Santa Luċija. Huwa qabel li għandu joħroġ stqarrija f'dan ir-rigward. Fl-istqarrija tiegħu l-Kunsill għandu jħeġġeġ lill-awtoritajiet ikkonċernati biex jindirizzaw din il-

problema li qed toħloq inkonvenjent serju f'diversi lokalitajiet. Il-Kunsill qal li jittama li l-awtoritajiet ikkonċernati jagħtu l-attenzjoni mmedjata għal din il-problema li qed tolqot lir-residenti u toħloqilhom diversi problemi ta' kull tip fil-ħajja ta' kuljum.

### 4.5 *Ġbir ta' Skart fil-15 t' Awissu 2009*

Il-Kunsill laqgħa talba li saret mill-Kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart Bieb Bieb biex nhar il-15 t' Awissu 2009, fil-festa ta' Santa Marja ma jinġabarx l-iskart u jinġabar l-għada, fis-16 t' Awissu 2009. Għandhom jinħarġu avviżi fin-notice boards tal-kunsill f'dan ir-rigward.

### 4.6 Stedina

Saret referenza għal stedina li rċieva l-Kunsill fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' *Ordinance of Priesthood* ta' Rev. Fr Nicholas Joseph Doublet. Il-Kunsill qabel li jinxtara rigal żgħir għal okkażjoni.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV2670 sa numru BOV2708 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2009 (CM30(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 2909.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2009 | Ammont *Gross* | €4,843.50 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Frederick Cutajar(Sindku) | (Użu ta' Trasport pers.-Ġunju 09) | €15.40 |
| Frederick Cutajar(Sindku) | (Użu ta' Trasport pers.Mejju 09) | €44.10 |
| Frederick Cutajar(Sindku) | (ADSL-Mejju u Ġunju 09) | €40.66 |
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu tal-mob.-Ġunju 09) | €37.00 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (Użu tal-mob.-Ġunju 09) | €32.00 |

## 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Pada Builders | PW(57/06/01) | 14/06-09<br>Triq il-Margeriti | 2,974.83 |
| Ronald Bezzina | SLLC (Q/09/01) | 1<br>Serv for June 09 | 2,468.10 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | 4<br>Service for June 09 | 1,131.53 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | 2<br>Extra Service | 60.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Mayor<br>June 09 | 148.95 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX<br>June 09 | 95.46 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES<br>June 09 | 47.37 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | Job Sheet 8869 | 30.08 |
| Nexos Street Lighting | Str Lighting | 2008431 | 654.69 |
| Nexos Street Lighting | Str.Lighting | 2008366 | 116.20 |
| Paul Cutajar | RC 57/07/02 | Serv.for May 09 | 1,558.26 |
| Nexos Street Lighting | Street Lighting | 2008448 | 247.36 |
| Public Cleansing Dept. | PC57 | Public Conv.<br>June 09 | 491.35 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Service for June 09 | 2,061.50 |

## 6. MANAGEMENT LETTER

Is-Sindku rrefera għal *management letter* li tħejjiet mill-Awditur wara li tlesta l-*Audit* li kien ikopri s-sena finanzjarja 2008-2009. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin ser jitħejja rapport bi tweġiba u jiġi ppreżentat lil Kunsill.

## 7. BUDGET 2009-2010

Il-Kunsill approva *draft budget* li ġie ppreżentat waqt din il-laqgħa. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li bażikament il-Kunsill ser ikun qed jimxi ma' kif id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qassam l-allokazjoni skond il-funzjonijiet, l-aktar issa meta l-Kunsill għandu l-obbligu li jonfoq parti mill-allokazzjoni għal funzjonijiet speċifiki, bħal manutenzjoni u tindif ta' toroq.

## 8. TRAFFIC MANAGEMENT – ĦRUĠ MINN SANTA LUĊIJA ROUNDABOUT

Il-Kunsill iddiskuta proposta li tresqet mis-Supretendent Raymond Zammit li huwa nkarigat mill-pulizija tat-traffiku, waqt laqgħa li kellu mas-Sindku fir-rigward tal-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*. Fil-proposta tiegħu s-Supretendent Zammit ippropona li biex jiġi eliminat il-periklu dan il-ħruġ għandu jingħalaq bejn is-6.30a.m u t-8.30a.m. Huwa qal li r-residenti ta' Santa Luċija għandhom jużaw il-ħruġ għal fuq it-Triq tal-Barrani u l-ħruġ minn ħdejn l-iskola għal fuq Luqa *Bye-Pass*.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u wasal għal konklużjoni li din ser toħloq problemi oħra u ser toħloq aktar dewmien biex wieħed joħroġ minn Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li għalkemm hemm *safety issues* f'din il-proposta, il-problema tal-periklu tinsab fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata u mhux fil-ħinijiet proposti biss. Filwaqt li l-Kunsill ma approvax din il-proposta saret premura biex il-Kunsill jibqa' jagħmel pressjoni fuq l-Awtorita' Dwar it-Trasport biex jiġi fis-seħħ il-proġett li hemm imħejji għal din l-*area*.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Upgrading ta' Bankini*

Il-Kunsill qabel li jkompli bix-xogħol ta' *upgrading* ta' bankini. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiġi mitlub iħejji l-istimi tax-xogħol għal manutenzjoni ta' parti mill-bankina fi Triq l-Anżalor u parti mill-bankini li hemm fi Triq Ġuljetta Lopez.

Il-Kunsill approva l-istima ta' xogħol involut fil-kostruzzjoni ta' bankina fi Triq Ġuljetta Lopez kantuniera ma' Triq l-Anżalor u Triq Helen Buhagiar. L-istima kienet tammonta għas-somma ta' €1589.67.

### 9.2 *Problema tad-dranaġġ fi Triq l-Istefanotis*

Saret referenza għal ħsara li hemm madwar it-tappiera tad-dranaġġ fi Triq l-Istefanotis. Id-Dipartiment tad-Dranaġġ għandu jiġi nfurmat li hemm bżonn li ssir *reconstruction* tal-*manhole* f'din it-triq.

### 9.3 *Ħinijiet fil-Ġnien Ċiniż matul is-Sajf*

Saret referenza għal *memo* SLLC 15/2009 fejn is-Sindku ppropona li fil-ġanet tas-Sajf, Ġnien is-Serenita' jibqa' miftuħ sa l-10.00p.m. Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta.

## 9.4 *Manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku*

Il-Kunsill ġie nfurmat li sar eżerċizzju intensiv dwar is-sinjali tat-traffiku madwar parti kbira mill-lokalita'. Ġew identifikati s-sinjali tat-traffiku li għandhom bżonn jinbidlu u ġie nnutat ukoll fejn hemm sinjali tat-traffiku neqsin. L-istima totali għal dan ix-xogħol tammonta għas-somma ta' €1349.00.

Ġiet approvata wkoll kwotazzjoni ta' €279.96 biex isir ir-*reinstatement* tal-marki tat-traffiku f'post il-Gladjoli.

## 9.5 *Manutenzjoni ta' bankijiet*

Il-Kunsill qabel li għandha ssir manutenzjoni tal-bankijiet ta' l-injam b'mod partikolari dawk tal-*Jogging Track.*

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Viċi Sindku qal li kien ser jorganizza ħarġa kulturali fix-xahar t' Awwissu. Huwa qal li ser jieħu r-residenti jżuru l-gżejjer ta' San Pawl.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-10.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 t' Awwissu 2009 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TLIETA,

25 **ta'** AWISSU **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**